MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 137/2008

**A B nee' C f' isimha proprju u b' digriet tal-15 ta' April 2008 l-istess A B giet appuntata kuratrici *ad litem* tal-minuri D C**
**vs**
**E B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fit-8 ta' April 2008 li jaqra' hekk:-

1. "Illi l-esponenti kellha relazzjoni ma' l-intimat, minn liema relazzjoni twieled il-minuri D, fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru, 1999;

2. Illi minkejja l-identicita' fil-kunjom tal-partijiet, huma m' humiex mizzewgin u qatt ma kienu;

3. Illi l-intimat qatt ma gharaf formalment lill-minuri D bhala ibnu, u wisq anqas qatt ma ottempora ruhu ma' l-obbligi u dmirijiet tieghu *qua* missier, ghalkemm ghal xi zmien l-istess intimat kien jiltaqa' mal-minuri u jingieb mieghu bhala missier;

4. Illi minkejja tentattivi min-naha ta' l-esponenti sabiex tigi rettifikata is-sitwazzjoni, anke permezz tal-process tal-medjazzjoni, anke sabiex binha ma jkunx mcahhad minn missieru, l-intimat qatt ma wera impenn u interess;

5. Illi tant l-intimat m' ghandux impenn jew interess, li qatt ma nforma lill-esponenti fejn hi r-residenza attwali tieghu u kull ma taf l-esponenti huwa l-post fejn l-intimat imur jahdem fil-hinijiet ta' filghodu;

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa kull dikjarazzjoni u provvediment necessarju:

1. Tiddikjara li l-intimat huwa l-missier naturali tal-minuri D C, anke occorrendo permezz ta' periti nominandi;

2. Tiddikjara li l-esponenti ghandha l-kura u l-kustodja esklussiva ta' l-imsemmi minuri;

3. Tiffissa l-jiem, hinijiet u modalitajiet ohra fir-rigward tal-fakulta' ta' l-access li l-intimat ghandu jkollu versu l-istess minuri;

4. Tiddikjara li l-intimat ghandu l-obbligu li jipprovdi ghall-manteniment ta' l-istess minuri;

5. Tiffissa l-ammont u r-rati ta' manteniment li l-intimat ghandu jkun obbligat li jhallas lill-esponenti fil-kwalita' taghha kif premessa, tenut kont tal-mezzi ta' l-intimat u l-htigijiet tal-minuri D;

6. Tordna lill-intimat sabiex ihallas l-ammont u r-rati ta' manteniment hekk kif fissati minn dina l-Onorabbli Qorti.

U dan taht kull provvediment li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluz dawk konnessi mal-medjazzjoni bin-numru 633/2007 GG, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut irrisponda u eccepixxa li :

1. "Illi fl-ewwel lok il-minuri mhux rapprezentat kif titlob il-ligi u r-rikorrenti ghandha tipprova illi hija giet debitament appuntata bhala kuratur ad litem tal-minuri.

2. Illi fl-interess tal-minuri, dan ghandu jkun rapprezentat minn kuraturi deputati stante illi jista' jkun hemm kunflitt ta' interess bejn l-interessi tar-rikorrenti ommu u l-interessi tal-minuri.

3. Illi l-esponent qatt ma gie notifikat bl-ittra ufficjali rikjesta mil-ligi ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap. 16 biex ikun jista' jsir it-taghrif tal-minuri imnissel jew imwieled barra miz-zwieg;

4. Illi din l-azzjoni ma gietx intavolata fi zmien preskritt mil-ligi.

5. Illi minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq espost, kwantu jirrigwarda l-ewwel talba tar-rikors promotur, din hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti m' huwiex il-missier naturali u bijologiku ta' D C kif qed jigi allegat mill-istess rikorrenti, stante illi ghalkemm ir-rikorrenti A B kellha relazzjoni mal-esponent, hi kellha relazzjoni ma' rgiel ohra, u kwindi t-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici. Illi din it-talba ghandha tigi ppruvata skont il-ligi, u sakemm dan ma jigi ippruvat, din it-talba ghandha tigi michuda kontra l-istess attrici.

6. Illi dwar it-tieni, it-tielet, ir-raba’, l-hames u s-sitt talba, dawn ghandhom jigu rigettati jekk ma tigix sorretta l-ewwel talba, pero’ fi kwalunkwe kaz talba bhal din ma setghetx issir fil-kawza odjerna peress li hija ghal kollox irritwali u dan stante li fid-dawl tal-Avviz Legali 397 tal-2003 li jistabbilixxi l-medjazzjoni, l-ewwel kellha tigi esperita l-procedura hemm indikata, liema procedura ma kienx mgharraf biha l-esponent u dan stante illi l-esponent qatt ma gie notifikat bi proceduri ta’ medjazzjoni u dan kif jidher mir-riferta li hemm fil-process tal-medjazzjoni bin-numru 633/2007;

7. Illi in vista tal-eccezzjoni precedenti, l-awtorizzazzjoni biex ir-rikorrenti tipprocedi, hija afflitta minn nuqqas procedurali serju u kwindi, id-digriet li permezz tieghu r-rikorrenti intavolat dawn il-proceduri huwa null; ghalhekk, dawn il-proceduri ma gewx intavolati wara l-hrug ta’ l-opportuna awtorizzazzjoni skont il-ligi;

8. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz il-manteniment irid ikun wiehed illi ma jigix spustat unikament fuq il-konvenut, anke fid-dawl tal-emendi introdotti fl-1993, izda ghandu wkoll jittiehed kont li l-omm ghandha skont ic-cirkostanzi wkoll l-obbligu li tmantni l-imemmi tifel, bl-istess mod li talvolta jista’ jkollu l-esponent;

9. Illi l-minuri D C qatt ma kien maghruf bhala iben l-intimat;

10. Illi l-intimat qajla kellu kuntatt ma’ l-istess minuri u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, liema fatt ghandu jinghata d-dovuta importanza fil-konsiderazzjonijiet kollha li se taghmel il-Qorti fl-evalwazzjoni tat-talbiet ta’ din il-kawza.”

Rat is-sentenza *in parte* moghtija fl-24 ta’ Gunju 2009 minn din il-Qorti diversament preseduta li permezz taghha astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-ewwel eccezzjoni stante li l-meritu taghha kien ezawrit; u rrespingiet it-tieni, it-tielet u r-raba’ eccezzjoni tal-konvenut.

Rat is-sentenza *in parte* moghtija fl-24 ta’ Gunju 2010 minn din il-Qorti diversament preseduta li permezz taghha laqghet l-ewwel talba u ddikjarat illi l-konvenut huwa l-missier bijologiku tal-minuri D imwieled fit-23 ta’ Settembru 1999. Inoltre l-Qorti ordnat lill-partijiet sabiex jersqu ghall-medjazzjoni ai termini tal-Avviz Legali 397/2003 fir-rigward tat-talbiet attrici diretti lejn il-kura u kustodja tal-minuri u l-manteniment tal-istess.

Ezaminat il-provi kollha migjuba mill-partijiet fir-rigward tal-kura u kustodja u l-manteniment tal-minuri.

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghat it-trattazzjoni orali tal-Avukati tal-partijiet waqt l-udjenza tat-22 ta’ Marzu 2013.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza fir-rigward tat-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut li ghadhom mhux decizi.

Ikkonsidrat;

**Eccezzjonijiet tal-Konvenut**.

**Is-Sitt u s-Seba’ Eccezzjoni**.

Permezz tas-sitt u s-seba’ eccezzjoni l-konvenut eccepixxa illi:-

“6. Illi dwar it-tieni, it-tielet, ir-raba’, l-hames u s-sitt talba, dawn ghandhom jigu rigettati jekk ma tigix sorretta l-ewwel talba, pero’ fi kwalunkwe kaz talba bhal din ma setghatx issir fil-kawza odjerna peress li hija ghal kollox irritwali u dan stante li fid-dawl tal-Avviz Legali 397 tal-2003 li jistabbilixxi l-medjazzjoni, l-ewwel kellha tigi esperita l-procedura hemm indikata, liema procedura ma kienx mgharraf biha l-esponent u dan stante illi l-esponent qatt ma gie notifikat bi proceduri ta’ medjazzjoni u dan kif jidher mir-riferta li hemm fil-process tal-medjazzjoni bin-numru 633/2007;

7. Illi in vista tal-eccezzjoni precedenti, l-awtorizzazzjoni biex ir-rikorrenti tipprocedi, hija afflitta minn nuqqas procedurali serju u kwindi, id-digriet li permezz tieghu r-rikorrenti intavolat dawn il-proceduri huwa null; ghalhekk, dawn il-proceduri ma gewx intavolati wara l-hrug ta' l-opportuna awtorizzazzjoni skont il-ligi;"

Bis-sentenza *in parte* tal-24 ta' Gunju 2010 il-Qorti ordnat li jibda process ta' medjazzjoni bejn il-partijiet fir-rigward ta' kura, kustodja, u manteniment tal-minuri. Tali process ma setghax isehh qabel in kwantu sal-24 ta' Gunju 2010 il-konvenut kien ghadu qed jichad li kien missier il-minuri. Qabel il-pronunzjament tas-sentenza dwar il-filjazzjoni ma kienx hemm lok ta' medjazzjoni bejn il-partijiet dwar kura, kustodja u manteniment. Kien biss mal-pronunzjament tas-sentenza tal-24 ta' Gunju 2010 illi twieldet il-htiega procedurali sabiex isir il-process ta' medjazzjoni dwar din il-materja, tant li l-Qorti fis-sentenza pre-citata irriferiet lill-partijiet ghall-medjazzjoni. Sussegwentement, fuq talba tal-attrici sabiex jinbeda proces ta' medjazzjoni dwar kura, kustodja, access u manteniment tal-minuri, l-Qorti, permezz ta' digriet moghti fid-9 ta' Lulju 2010, innominat medjatur tal-familja sabiex jimmedja bejn il-partijiet dwar dak mitlub.[1] Il-medjazzjoni ma waslitx lill-partijiet ghal ftehim tant li b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2010 il-Qorti iddikjarat il-medjazzjoni maghluqa u awtorizzat lill-attrici tipprocedi.

Jirrizulta ghalhekk illi l-partijiet kellhom ghad-disposizzjoni taghhom process ta' medjazzjoni qabel ma' l-Qorti trattat il-mertu tat-talbiet fir-rigward ta' kura, kustodja, access u manteniment. Fil-fehma tal-Qorti il-vot tal-ligi gie sodisfatt. Konsegwentement is-sitt u s-seba' eccezzjoni ser jigu respinti.

**Kura u Kustodja tal-Minuri**.

M'hemmex kuntrast bejn il-partijiet li l-minuri ilu jirrisjedi mal-attrici sa mit-twelid. Il-minuri ghex biss mal-konvenut

[1] Fol. 95

fiz-zmien li huwa ghamel jikkoabita mal-attrici wara t-twelid tal-minuri. Illum il-gurnata m'hemmx kuntatt bejn il-minuri u missieru l-konvenut. Ghalkemm il-partijiet ma jaqblux dwar x'wassal ghal dan l-istat ta' fatt, jirrizulta li l-konvenut la qed jitlob u lanqas wera x-xewqa li jkollu l-kura u kustodja tal-minuri esklussivament jew flimkien mal-attrici.

Fic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tal-minuri tigi affidata esklussivament lill-attrici.

**Access**.

Hlief ghall-perijodu li l-konvenut ghamel jikkoabita mal-attrici fiz-zmien wara t-twelid tal-minuri, ma nzamm l-ebda kuntratt bejn il-konvenut u ibnu. Fil-bidu li giet istitwita din il-kawza l-konvenut kien qed jitfa dubji serji kemm verament il-minuri kien il-wild tieghu. Dawn id-dubji gew eliminati wara li saru t-testijiet tad-DNA.

Sallum il-konvenut ma hux qed jara lill-minuri pero' ma ngabu l-ebda ragunijiet li jwasslu lill-Qorti tikkonkludi li kuntatt mal-missier ma hux ta' gid ghall-minuri.

Il-Qorti ghalhekk sejra takkorda lill-konvenut id-dritt ta' access favur il-minuri sabiex jekk jasal il-mument li l-konvenut jkun irid jibda jiltaqa' mat-tifel, isiru l-arragamenti necessarji sabiex dan isehh minghajr ma ssir hsara lill-minuri li issa ilu maqtugh minn ma' missieru ghal bosta snin.  Ghalhekk il-Qorti qed tirrizerva d-dritt lill-konvenut illi f'kaz li fil-futur huwa jiddeciedi fil-futur li jibda jezercita access ghall-minuri ghandu qabel xejn jaghmel talba lill-Qorti.

**It-Tmien, id-Disa' u l-Ghaxar Eccezzjoni**.

**Manteniment tal-Minuri**.

It-talba tal-attrici ghall-manteniment tal-minuri hija kontestata mill-konvenut.

Fil-5 ta' Jannar 2011 inghata digriet minn din il-Qorti diversament preseduta fejn il-konvenut gie ordnat sabiex, provvizorjament u *pendente lite* jhallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri is-somma ta' mija u tletin ewro (Euro 130) fix-xahar. Fid-data li inghata d-digriet il-minuri kellu tnax-il (12) sena. Illum ghandu erbatax-il (14) sena. Il-partijiet mhumiex mizzewgin lil xulxin ghalkemm igorru l-istess kunjom.

L-eccezzjonijiet tal-konvenut fir-rigward tal-manteniment huma s-segwenti[2] :-

"8. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz il-manteniment irid ikun wiehed illi ma jigix spustat unikament fuq il-konvenut, anke fid-dawl tal-emendi introdotti fl-1993, izda ghandu wkoll jittiehed kont li l-omm ghandha skont ic-cirkostanzi wkoll l-obbligu li tmantni l-imsemmi tifel, bl-istess mod li talvolta jista' jkollu l-esponent;

9. Illi l-minuri D C qatt ma kien maghruf bhala iben l-intimat;

10. Illi l-intimat qajla kellu kuntatt ma' l-istess minuri u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, liema fatt ghandu jinghata d-dovuta importanza fil-konsiderazzjonijiet kollha li se taghmel il-Qorti fl-evalwazzjoni tat-talbiet ta' din il-kawza".

Il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina x'inhuma l-obbligi rispettivi tal-partijiet fil-konfront tal-minuri f'dak li hu manteniment.

***Artikolu 93 tal-Kapitolu 16*** *tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-*

***"93.*** *Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 89, il-ġenituri ta' tfal imnissla u mwielda barra miż-żwieġ għandhom lejn dawk it-tfal u d-dixxendenti tagħhom l-*

[2] Fol. 25

*istess dmirijiet li jmantnuhom u jedukawhom bħalma għandhom lejn tfal imwielda jew imnissla matul iż-żwieġ, u dawk it-tfal għandhom kwantu għall-axxendenti tagħhom u qraba oħra l-istess jeddijiet u dmirijiet li għandhom tfal imwielda jew imnissla matul iż-żwieġ.*

***Artikolu 7 tal-Kap. 16***

***"7.** (1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B."*

L-obbligi versu l-ulied tal-genituri mhux mizzewga huma identici bhal dawl tal-genituri mizzewga.

***Artikolu 3 B tal-Kap 16**.*

***3B.** (1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*

*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*
*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar Kap. 413. Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

*(3) L-obbligi msemmija fis-subartikolu (1) jorbtu wkoll lill-persuna li tkun qed taġixxi in loco parentis fir-rigward ta' wild ta' ħaddieħor, minħabba ż-żwieġ tagħha ma' ġenitur ta' dak il-wild, fejn il-ġenitur l-ieħor tal-istess wild, ikun, f'xi żmien qabel jew matul iż-żwieg, miet jew ġie iddikjarat*

*bħala persuna assenti skont id-dispożizzjonijiet ta' Titolu VII ta' l-Ewwel Ktieb ta' dan il-Kodiċi, jew ma jkunx magħruf:*

*Iżda dak provdut f'dan is-subartikolu jkun bla ħsara għall-obbligi tal-ġenituri naturali tal-wild u f'kull każ bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149*.

***Artikolu 19.***

*(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.*

*(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom.*

***Artikolu 20.***

*(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust*.

**Htigijiet tal-Minuri**.

Minn ezami tal-provvedimenti legali appena citati jirrizulta illi huwa dover taz-zewg genituri ta' minuri illi jipprovdu it-tnejn li huma, sakemm il-mezzi taghhom jippermettu, mhux biss ghall-ikel, hwejjeg u residenza, izda wkoll ghall-edukazzjoni u sahha.

L-attrici ezebiet prospett[3] fejn tindika l-ispejjez tar-rikorrenti fir-rigward tal-minuri. Ma jirrizultax mill-atti illi dan il-prospett gie kontestat. Difatti l-attrici ma sarilhiex kontro-ezami dwaru u fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut[4] id-dettalji tal-prospett ma humiex kontestati. Flokha r-referenza li ghamlet l-attrici ghall-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **Edwin Cilia vs Carmela sive Melina Cilia:-**

"L-attur ma nnegax li saru dawk l-ispejjez mill-konvenuta, u lanqas ma pprova jattakka l-kredibilita' taghha b'domandi in kontro-ezarni. Kif insibu fil-ktieb ta' Peter Murphy ("Murphy on Evidence" 7th Ediz. 2000, pagna 511), *"Failure to cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held technically to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief. It is therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine Accordingly, it is counsel's duty, in every case: (a) to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case; and (c) to put to the witness counsel's own case, in* so *far as the*

[3] Fol. 97
[4] Fol. 222

*witness is apparently able to assist with relevant matters or would be* so *able, given the truth of counsel's case"*

Skont dan il-prospett il-htigijiet attwali tal-minuri huma ta' circa disghin ewro (Euro 90) fil-gimgha ekwivalenti ghal tlett mija u disghin ewro (Euro 390) fix-xahar.

**Mezzi tal-Konvenut**.

Il-konvenut isostni illi huwa ma jistax ihallas aktar mill-mija u tletin ewro (Euro 130) li gie kkundannat ihallas *pendente lite*.

Jirrizulta li l-konvenut kien irtira mill-korp tal-pulizija wara hamsa u ghoxrin (25) sena servizz u beda jircevi pensjoni anke jekk jahdem. Illum ghandu pensjoni ta' circa Euro 812 fix-xahar. Inoltre jahdem part-time ma' kumpanija jisimha City Security. Il-konvenut isostni li minn dan l-impieg jippercepixxi circa Euro 90 fix-xahar ghaliex jahdem biss ftit sieghat. Ma jaghti l-ebda raguni l-konvenut ghaliex jahdem biss ftit sieghat.

Il-konvenut xehed illi ghandu diversi hlasijiet li jrid jeffettwa kull xahar fosthom Euro 166.32 ripagament ta' loans, Euro 145 manteniment skont kuntratt ta' separazzjoni ma' terza persuna tat-13 ta' April 1999, Euro 116.47 kera tar-residenza, Euro 38.70 kera ta' garaxx u Euro 300 spejjez ohra bhal ikel, kontijiet ta' dawl u ilma, petrol u insurance ghall-karrozza.

Jirrizulta pero' li l-pagamenti rigwardani il-loans issa waqfu. Inoltre il-pagamenti li l-konvenut jinvoka fir-rigward ta' premiums ta' insurance huma relatati ma investiment tal-istess konvenut li f'xi stadju ser jipprovdilu redditu li ser igawdih biss il-konvenut.

Tenut kont l-obbligi pekunjarji li l-konvenut ghandu, huwa difficli ghall-Qorti tikkomprendi kif il-konvenut jippercepixxi biss tlieta u ghoxrin ewro (Euro 23) fil-gimgha mill-hidma kollha tieghu. Min igieb fid-dinja tarbija ghandu l-obbligu li jaghmel dak kollu possibbli sabiex jissodisfa l-obbligi tieghu li jmantniha bl-ahjar mod possibbli. Il-Qorti mhiex

qed taccetta bhala veritiera l-allegazzjoni tal-konvenut li ma hux kapaci isib xoghol li jrendilu aktar minn Euro 23 fil-gimgha. Ma ressaq l-ebda prova l-konvenut jekk hux qed jirregistra ghal xoghol li jirrendi dhul decenti. Lanqas jirrizulta li l-konvenut qed jaghmel xi ricerka mod iehor ghax-xoghol.

Il-konvenut illum ghandu circa hamsin (50) sena u ghalhekk ghadu kapaci jahdem minghajr ma jitlef id-dhul mill-pensjoni tas-servizz. Ic-cirkostanzi tal-konvenut ghandhom ipogguh f'posizzjoni ahjar minn haddiehor fir-rigward tad-dhul u mhux aghar. Naturalment dejjem jekk ikun hemm ir-rieda ghal dan li mill-atti jirrizulta li hi nieqsa fil-konvenut.

**Mezzi tal-Attrici**.

Mill-banda l-ohra l-attrici tikkontendi li d-dhul taghha huwa biss beneficcji socjali ghaliex ma tahdimx. Il-fattur tal-kapacita' lavorativa tal-attrici gie evitat minnha fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha.

Il-minuri llum ghandu erbatax-il (14) sena u ghalhekk ma jirrikjediex li xi genitur ikun mieghu kontinwament. L-attrici ma tat l-ebda spjegazzjoni ghaliex ma tahdimx. Fil-fehma tal-Qorti l-attrici hija fid-dover, daqs il-missier, li ssib tahdem sabiex hi ukoll tikkontribwixxi finanzjarmanet ghall-htigijiet tal-minuri. Huwa veru li minhabba l-fatt li l-minuri jirrisjedi mal-attrici hija diga qed tikkontribwixxi mill-hin taghha sabiex tipprovdi lill-minuri b'dik l-assistenza necessarja fid-dar. Pero' jibqa' l-fatt illi ma tistax l-attrici tippretendi illi l-konvenut jikkontribwixxi ghall-htigijiet kollha tal-minuri u hi ma tikkontribwixxi xejn ladarba ghandha l-potenzjal li tahdem.

**Quantum tal-Manteniment**.

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni il-kontribut giornalier li l-attrici taghti a beneficcju tal-minuri f'dak kollu li ghandu bzonn inkluz tisjir, hasil ta' hwejjeg, tindif tad-dar u dak kollu li minuri ta' erbatax-il (14) sena jkollu bzonn fid-dar tieghu. Dan naturalment jillimita il-hin disponibbli ghall-

attrici dwar xoghol barra mid-dar. Dan ser jittiehed in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tal-ammont li l-missier ghandu jhallas bhala manteniment ghall-minuri.

Ghalhekk, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula il-Qorti hi tal-fehma illi l-manteniment da parti tal-konvenut favur il-minuri ghandu jkun ta’ hamsin ewro (Euro 50) fil-gimgha b’effett mid-data ta’ meta giet intavolata l-kawza odjerna, nieqes l-ammont ta’ manteniment gia’ mhallas mill-konvenut ai termini tad-digriet dwar manteniment *pendente lite*.

Il-manteniment ghandu jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja u jibqa’ dovut sakemm il-minuri jaghlaq tlieta u ghoxrin (23) sena jekk jibqa’ jsegwi kors ta’ studju *full-time*. Tali manteniment jibqa’ jithallas lill-omm sakemm il-minuri jibqa’ jirrisjedi maghha anke wara li jaghlaq l-eta’ ta’ tmintax-il (18) sena.

**Spejjez Gudizzjarji**.

Minn ezami tal-atti jirrizulta li l-attrici kienet kostretta tintavola l-kawza odjerna ghaliex il-konvenut lanqas ried jirrikonoxxi lill-minuri. It-talbiet attrici qed jigu akkolti u ghalhekk il-parti sokkombenti ghandha thallas l-ispejjez gudizzjarji.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, prevja li tilqa’ it-tmien ecccezzjoni, fis-sens li tiddikjara li l-attrici ghandha wkoll l-obbligu li tmantni lill-minuri, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha li ghad mhux decizi, u

1. Tilqa’ t-tieni talba u takkorda l-kura u kustodja tal-minuri esklussivament lill-attrici.

2. Tilqa’ t-tielet talba billi tiddikjara li l-konvenut ghandu dritt ta’ access ghall-minuri. Tastjeni milli tiffissa granet u hinijiet peress li sa issa l-konvenut ma weriex interess li jezercita d-dritt tieghu ta’ access.

3. Tilqa’ r-raba’ talba u tiddikjara li l-konvenut ghandu l-obbligu li jipprovdi ghall-manteniment tal-minuri.

4. Tilqa’ l-hames talba u tiffissa l-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attrici fl-interess tal-minuri fis-somma ta’ hamsin ewro (Euro 50) fil-gimgha b’effett mid-data ta’ meta giet intavolata l-kawza odjerna, nieqes l-ammont ta’ manteniment gia’ mhallas mill-konvenut ai termini tad-digriet dwar manteniment *pendente lite*.

Il-manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u jibqa’ dovut sakemm il-minuri jaghlaq tlieta u ghoxrien sena jekk jibqa’ jsegwi kors ta’ studju *full-time*. Tali manteniment jibqa’ jithallas lill-omm sakemm il-minuri jibqa’ jirrisjedi maghha anke wara li jaghlaq l-eta’ ta’ tmintax-il sena.

5. Tilqa’ s-sitt talba u tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici l-manteniment likwidat b’din is-sentenza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------